# Kunsill Lokali Gżira

7 ta' Ottubru 2021

**Ref Nru. 36/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 37/2021 li saret il-Ħamis 30 ta' Settembr 2021

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Disa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Shaun Farrugia u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Hadt ma kellu għalgejn ikun skuzat

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 23 ta' Settembru 2021

**37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

37.1.1 L-ittri ta' apoloġiji gew moqrija.

**37.2 Aġġornament – 5A Side Tournament/Żjara Enna -Ġemellaġġ**

37.2.1 5A Side Tournament – L-Aġent Segretarju Ezekuttiv spjegat li dan it-Tournament Internazzjoni kellu l-għan li joħloq għarfien dwar il-ġlieda kontra il-vjolenza domestika fuq in-nisa. F'dan it-tournament kellhom jippartecipaw tmien timijiet, madankollu spiccaw sitta, tlieta Malti u tlieta Sqallin. It-tim li irraprezenta lil Kunsill tal-Gzira gab rizultati tajbin, fejn spicca fit-tieni post. It-Tazza giet ipprezentata lil-Kunsill, nahr l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021, bħala kommemorazzjoni.

37.2.2 Żjara Enna/Ġemelaġġ - L-Aġent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil-Kunsill li saret laqgħa mal-lokalita ta' Enna fejn ġie diskuss il-ġemellaġġ, similaritajiet fil-kultura u bini storiku u il-programm tal-ġemellagg innifsu, b'mod partikulari it-turizmu u il-lingwa. Is-segretarja spjegat li hekk kif kien indikat mil-applikazzjoni għal-fondi, il-ġemellaġġ għandu jkun kollaborazzjoni kontinwa f'forma ta 'sħubija.

37.2.3 L-Aspett Finanzjarju - L-Aġent Segretarju Ezekuttiv spjegat fid-dettal l-ispiża involuta, li fil-bidu kien maħsub li jiswa lill-kunsill bejn wieħed u ieħor 5 t'elf euro iżda minħabba kanċellazzjoni ta '5 plejers u membru tal-kunsill, l-ispiża tnaqqset għal 3.7K. ma dan l-ammont kien hemm ukoll spiża tal-assigurazzjoni.

37.2.4 Tournament f'Malta – Is-Sindku semmgħa l-Assoccjazzjoni tal-5A Side urew l-interess li jorganizzaw tali Tournament f'Malta biss sapport tal-Kunsill Lokali tal-Gzira. Bħala fondi, il-Kunsill gie mitlub jiffinanzja biss it-trophies, il-ground u ir-referees. Il-Kunsill qabel li jissorportja din l-inizjattiva unanimament.

**37.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.3.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 7 ta' Settembru 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

37.3.2 Paġna Nru.2 para 36.2.2 – Gbir ta' l-Iskart – Il-Kunsillier H. Caruana staqsa jekk il-brochures tqasmux, fejn is-Sindku irrisponda li kienu qedin jitqasmu propju f'dawn il-granet. Fuq dan l-argument l-Agent Segretarju Ezekuttiv staqsiet il-Kunsill sabiex japprova fondi ghal boosting ta posts fuq is-Social Media, dan sabiex il-messagg jilħaq iktar nies. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni u approva dawn il-fondi.

37.3.3 Paġna Nru.2 para 36.2.3 – Public Convenience – Il-Kunsillier H.Caruana staqsa għal aġġornament fuq il-Public Convenience, fejn l-Agent Segretaru Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li d-Dipartiment tal-Cleansing għaddew id-documenti kollha sabiex jiccaqalqu il-meters tad-dawl u l-ilma. L-applikazzjoni giet mogħdija lil Arms u giet accettata. Kull ma jonqos huwa li l-Arms tibgħat lin-nies taha sabiex imexxu il-meters. Id-diskussion dwar l-ghad finanzjarju ta' dan il-progett, gie diskuss iktar tard f'din il-laqgħa.

37.3.4 Paġna Nru.2 para 36.2.4 – Il-Problema tal-Housing Estate – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa aġġornament fuq il-problema tal-hornets, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li kellu jiġi verificat li il-bejta tinstab fil-post imsemmi. Dan sabiex il-Kunsill ma jitħolx fi spejjez zejda bla bzonn. Sindku semmha li il-bejta hemm qeda u b'hekk il-Kunsill iddecida li jqabbad li xi hadd sabiex titneħħa minnufih.
Il-Kunsillier N. Chetcuti staqsa ukoll fuq is-siġra tal-palm, fejn l- Agent Segretaru Ezekuttiv qalet li ma tistax titneħħa. Dan ikkonfermah is-Sindku, fejn qal li sigra bħal dik, bl-għeruq taħt il-bini ma tistax titneħħa u tiġi rilokata.

37.3.5 Paġna Nru.2 para 36.2.4 – Il-Problema tal-bar fil-Housing Estate – Il-Kunsillier H.Caruana qal li f'laqgħa preċedenti il-Kunsill kien qabel li issir ittra iffirmata mil-Kunsilliera kollha, fejn il-Kunsill jissuggerixxi li għandu jinqeleb għal restawrant sabiex inaqqas l-inkonvenjenza lir-residenti. Din l-ittra għada ma saritx, għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandha issir minnufih.

37.3.6 Paġna Nru.2 para 36.4.6 – Dawl tal-Ġnien – Il-Kunsillier N. Chetcuti semmgħa li il-problema b'pilastru tad-dawl tranġat, imma is-Sindku semmgħa li hemm nuqqas ta dawl u qabbad lil eletrician sabiex izied id-dawl. Il-Kunsillier S.Farrugia issuġġerixxa li il-parti tal-ġnien fejn qed isiru ix-xogħlijiet għandha tingħalaq. Il-Kunsill qabel u b'hekk il-kuntrattur ser jiġi infurmat b'din it-talba.

37.3.7 Paġna Nru.3 para 36.6.7 – Il-Fustun tax-Xatt – Il-Kunsiller N.Chetcuti qal li l-fustun tax-xatt gie irranġat. Is-Sindku kompla billi qal li ladarba din il-problema issolviet, ma hemmx bzonn jinxtara fustun ġdid.

37.3.8 Paġna Nru.4 para 36.8.12 – Xiri ta Laptop – Il-Kunsillieri S.Farrugia ried issemmi li għakemm ma kienx prezenti fl-aħħar laqgħa, il-messaġġ li għadda flimkien mal-Kunsilliera J.Borg, kien li jinxtara macbook għaliex dan huwa laħjar fis-suq. Is-Sindku ta' spjegazzjoni ta il-għaliex il-kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment, filwaqt is-segretarja stqarriet li tali messagg għaddietu car kif gie mitlub fil-laqgha precedenti.

37.3.9 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 36 jiġu approvati. Il-kunsillier A.Zammit ssekondaħ.

**37.3A Public Convenience**

37.3A.1 Quote għal Public Convenience – L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat aġġornament fuq il-quote kollha li rċieva il-kunsill relatati mal-Public convenience. Resqet ukoll il-lista ta' fornituri li ġew mitluba sabiex jiprovdu quote imma stqarret li tliet kwarti minnhom ma irrispondux.

37.3A.2 Revisjoni tal-Quotes – Il-Kunsill talab li jsiru revisioni ta xi quotes fejn jitħlu il-madum (il-madum irid ikun ikbar), automatic washing mixers (sensor) u double flushing system.

37.3A.3 Tqegħid ta' Madum – Il-Kunsill stqarr li il-quota ta tqegħid tal-madum hija għolja wisq. Għaldaqstant ser jintalbu iktar quotes, fejn il-Kunsillier S.Farrugia ser iforni iktar kuntatti għal dawn ix-xogħlijiet.

37.3A.4 Sistema ta' Solar Panels – Il-Kunsillier A.Zammit issuġġerixxa li jiġu installati solar panels fuq il-bejt u b'hekk il-konsum jiġi sostenibli. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li d-DNO ma jagħtiex permess sabiex jintrama dan fuq il-bejt, imms jekk il-Kunsill irid imexxi fuq dan irid jagħmel applikazzjoni oħra. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

37.3A.5 Attendent għal-Public Convenience – Is-Sindku issuggerixxa li dan is-suggett jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

37.3A.6 Rendikont ta'l-Ispiża Totali - L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat rendikont ta l-ammont li intefqu s'issa għal dan il-progett, kif ukoll dan li qed jipprogetta li jkompli jonfoq

37.3A.7 Sistema ta' Kameras – Il-Kunsilliera J.Borg staqsiet jekk hemmx il-hsieb li jsiru cameras, fejn l- Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li s'issa ms kienut fil-pjan. Madankollu s-Sindku stqarr li tkun idea tajba, b'hekk il-kunsill ta' l-konsens tiegħu biex jitlestew ix-xogħlijiet ta piping sabiex tali sistema tkun tista tiġi installata iktar il-quddiem.

**37.4 Komunikazzjoni tas-Sindku**

37.4.1 Pjazza Meme Scicluna– L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat aġġornament fuq il-permess meħtieġ għal dan il-progett, fejn qalet li il-Perit qed imexxi, pero il-Kunsill għandu bzonn in-No Objection mingħand it-TM, Arts Council u Cultural Heritage Malta. Dan kollu minħabba ir-rilokazzjoni tal-monument. L- Agent Segretarju Ezekuttiv uriet id-disinn il-ġdid tal-pjattaform, fejn is-Sindku issuggerixxi li jsir taz-zonqos/gebel qawwi.

37.4.2 Tower Crane (Triq Belvedere) – L-Agent Segretarju Ezekuttiv tat aġġornament fejn infurmat lil Kunsill li għalkemm intalab estensjoni ta sitt xhur ohra, TM tat istruzzjonijiet cari li dan il-permess ma għandux jiħi imgedded. Fil-fatt TM tat deadline li sa l-aħħar ta' Settembru it-tower crane irid jizzarma. Madanakollu, Paul Camilleri infurma lil kunsill li t-tower crane ser jizzarma fil-hmistax (15) ta' Ottubru. Dan b'riskju tieghu, fejn TM tista toħrog il-multi għaliex sa jinqabel id-deadline.

37.4.3 Tower Crane (Triq il-Flotta) – L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill ircieva talba oħra għal tower crane. Wara diskussjoni fejn gie ikkusiderat il-fatt li Triq Ponsomby u Stuart gejjin one way; u fejn il-Kunsillier S.Farrugia ikkonferma li s-sit ser jiġi imħaffer żewg sulari, il-kunsill iddecieda li ma jagħtiex dan il-permess u t-tower crane għandu jiġi imtella' fis-sit innifsu.

37.4.4 Proposta għal Triq Ponsomby u Stuart – Is-Sindku ippropona l-possibilita li f'dawn it-toroq jitwessaw il-bankini u jitpoġġew is-siġar. Dan jista jsir il-għaliex dan it-toroq huma fost l-iktar wisgħin fil-lokalita. Is-Sindku kompla jgħid li qed isir studju sabiex isiru tankijiet taħt l-art u tiġi installata sistema ta 'irrigazzjoni. Il-Kunsill qabel u laqa' din l-inizzjattiva.

37.4.5 Risk Assesment ta' L-Ufficju - L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li bil-liġi kull sentejn irid isir Risk Assesment ta' l-uffiju tal-kunsill. Għaldaqstant is-segretarja ser tmexxi b'dan l-assesment fil-granet li gejjin.

37.4.6 Post ta' Votazzjoni - L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li nhar is-Sibt 9 ta' Ottubru, l-Ufficju tal Kunsill ser ikun post ta' Votazzjoni (Elezzjoni Ezekuttiv AKL). Minhabba dan u skont il-liġi, il-Kunsill ms jistax jinfetaħ għal-pubbliku.

37.4.7 Korsijiet tal- ECDL - L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat li ser issir laqgħa mat-TCTC fejn ser jiġu diskussi id-dettalji ta' dan il-kors sabiex tniedi din l-inizjattiva.

37.4.8 Assenza tas-Segretarju Ezekuttiv mil-Ufficcju - L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li ser tibda kors l-Universita ta' Malta u għal din ir-raguni, darbtejn fil-gimgħa u erbgħa siegħat kull darba, s-segretarju mhux ser tkun prezenti l-ufficju. Dan is-siegħat ser jinħaddmu xorta waħda b'mod flessibli. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni pero talab lis-segretarja tiprovdi l-iskeda sabiex ħadd ma jtellifha waqt l-istudju taha. Il-Kunsillier S.Farrugia issuggerixxa li fl-assenza tas-segretarja ikun hemm xi ħadd responsabbli, fejn is-segretarja qalet li din ir-responsabbilta taqa' fuq Fabian li huwa L-Asistant Principle u li l-staff kollu diġa infurmat b'dawn il-bidliet.

37.4.9 Leave ta' l-Aġent Segretarju Ezekuttiv trasferit 'il quddiem – L- Aġent Segretarju Ezekuttiv talbet lil Kunsill sabiex japprova tmenin siegħa (80 hrs) mil-leave tagħha biex jiġi trasferit għas-sena d-dieħla, 2022. Is-Segretarja staqret li minħabba li kienet l-ewwel sena taghħa u il-backlock ta' xogħol li sabet, ma setghatx tieħu u tippjana il-leave kollu. Il-Kunsill ma kellu l-ebda oġġezzjoni u ghaldaqstant apporova din it-talba b'mod unanimu.

37.4.10 Skola Santa Monica – Il-Kunsillier S.Farrugia semmgħa li minħabba li ingħalqed it-triq f'certu ħin minħabba l-iskola Santa Monica, qed tinħol kongestjoni u inkonvenjent għal bosta. Hawn is-Sindku qal li din il bidla għandha tindara u li hemm rotot oħra minn fejn wieħed jista jaddi. Is-Sindku kompla billi qal li hi ħa din d-deċiżjoni sabiex jevita li jweġġa xi ħadd mit-tfal huma u ħierġin mil-iskola. It-toroq li jagħtu għal-iskejjel ikunu maluqin madwar Malta kollha ghal protezzjoni tat -tfal infushom u Santa Monica mhux kas specjali. Madanakollu lest li jikkonsidra suggerimenti sabiex isir iktar għarfien ta din il-bidla.

37.4.11 Bollards Sliema Road – Il-Kunsillier I.Buhagiar semmha li qed isir abbuz minn xufiera huma u ħiergin minn Triq Guze Miceli, fejn flok iduru mal-Kappara Junction, jinzlu Triq tas-Sliema direzzjoni Rue d'Argens. La darba Triq tas-Sliema ser tinqala u titranġa, il-Kunsill iddecieda li jitlob li TM permess sabiex isiru l-bollards.

37.4.12 Konferenza f'Ottubru – Is-Sindku infurma lil-Kunsill li l-Konferenza li kellha issir f'Ottubru ġiet posposta b'xahar u ser issir f'Novembru. Ir-rati tal-likanda f'Novembru huma ħafna irħas u għalkemm il-fondi ġejjin mil-UE, il-flus li ma jintefqux jistaw jiġu uzati mil-Kunsill għal affarijiet oħra.

37.4.13 Parking Area ġdid fil-lokalita – Is-Sindku infurma lil Kunsill li ser issir laqgħa sabiex jiġi diskuss il-progett ta' parking gdid fl-għalqa ta' faccata l-istadium f'Rue D'Argens. Is-sindku kompla jgħid li l-Kunsill irid jagħmel l-investiment sabiex iddawwal dan il-parkegg u sistema ta' cameras sabiex inaqqas l-abbuzz. Il-kumplament tal-investiment ser isir mil-bank, għaldaqstant iridu jittieħdu il-passi necessarji sabiex l-istaff tal-bank isibu is-sittin spazju taghhom klirjati mit-tmienja ta' filgħodu l'hemm.

37.4.14 Wirja mil-Għaqda ta' l-Għomja – Is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill jagħti pjattaforma lil Għaqda ta' L-Għomja waqt il-Konferenza ta' Novembru. L-Għaqda talbet sabiex il-kunsill ikun jista jgħina biex jinxtara xi materjal li għandhom bzonn għal-wirja. Il-Kunsill qabel.

**37.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

37.5.1 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa x'jista jsir ix-Xatt tal-Gzira, fejn tal-Green grocer u anki ir-restawrant ta hdejh hadu il-bankina kollha u l-access għar-

resident ma jezistiex. Is-Sindku qabbad lis-segretarja biex tieħu hsieb li jittiehdu ritratti u jintbaghtu b'ilment lil Lands b'mod ufficjali.

37.5.2 Laqgħa ma D. Woods – Il-Kunsilier H.Caruana staqsa jekk sarx il-pagament li Dr Woods u jekk saritx il-laqgħa mieghu kif miftiehem. Is-sinku irrisponda li ladarba il-pagament għadu mhux approvat, dan ma sarx. Il-Laqgħa ghadha ma saritx u ser jittiehdu pass sabiex issir mil-iktar fis.

37.5.3 Powerwash – Il-Kunsillier S.Farrugia stqasa lil Kunsillier N.Chetcuti fuq il-powerwash li kellu jsir fit-toroq. Il-Kunsillier N.Chetcuti qal li ircieva quote minn ghand l-SRF ta Euro 890, fejn b'dan l-ammont isiru 16 il-triq. Biss prova ukoll jġib dan is-servizz mil-cleansing Department b'xejn imma dan l-isforz ma irnexxiex. Il-Kunsilloiera qablu li issa li ħa tibda ix-xita, dan il-pjan għandu jitjieb sabiex jiġi implimentat is-sajf li gej.

37.5.4 Laqgħa mas-Supretendent – Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa jekk intbaghtitx it-talba sabiex issir laqgħa mas-Supretendent. Is-Segretarja qalet li kella issir laqgħa mas-Supretendent Haber imma dan ma attendiex mingħajr avviz. Is-Sindku talab lis-Segretarja sabiex tigi issetjata data ohra mil-iktar fiss.

20.04 Il-Kunsillier S.Farrugia talab biex jiġi skuzat mil-laqgħa.

**37.6 Rapporti**

37.6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti

**37.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

37.7.1 Rikuża mil-board tal-PA – Il-Kunsillier H. Caruana stqasa lis-Sindku sabiex jerga jispjega il-kwistjoni rigward ir-rikuza mill bord tal-ippjanar fejn gie diskuss il-masterplan il-gdid ta Manoel Island.

Is-Sindku beda biex semma illi kif kien gie maqbul fil-kunsill fil-laqgha precedenti id-decizjoni tar-rikuza ittiehdet abbazi ta' decizjoni tal-qorti tal-appell fil-kas tad-DB, fejn gie argumentat illi membri li jiffurmaw il bord kienu diga taw il-fehma taghhom meta l-istess applikazzjoni tkun teleghet quddiem l-istess membri tal-board fi stanzi precedenti allura l-appellanti argumentaw illi il-membri kienu diga taw il-fehema taghhom allura hemm lok ta kunflitt. Is-Sindku spjega illi fil-kaz ta Manoel Island il-kunsill iddikjara li jaqbel mal-progett meta iffirma il-Guardianship Agreement u kien diga ivvota favur meta l-istess applikazzjoni giet diskussa quddiem il-board fi stanzi precedenti.

Is-Sindku rega spjega fil-qasir il-process kollu biex wasalna s'hawnhekk ghal-beneficcju tal-kunsilliera li ma kinux jiffurmaw parti mill legislatura precedenti.

IS-Sindku spjega li il-kwistjoni tqajment f'Settembru 2016 meta ipprotesta dwar l-access ghal-kosta li kien inghalaq illegalment ghal-16 il-sena sħaħ. Rigward l-applikazzjoni il-gdida tal-Masterplan ta Manoel island spjeġa li l-Midi għandha f'idejha permess li inħareg fl-1999 aness ma l-istess kuntratt ta koncessjoni.

Filfatt, il kuntratt tal-koncessjoni jinkludi il-pjanijiet kif ukoll il-permess mahrug mill-MEPA biex tigi zviluppata. Allura il-Midi tista tmexxi b'dan il-pjan. Madanakollu il-kunsill kien wera il-hsibijiet tieghu publikament sabiex dawn il-pjanijiet jigu riveduti. Dan għaliex iż-żmienijiet inbidlu u iċ-ċirkostanzi preżenti jitolbu iktar spazji miftuħa u iktar rispett lejn il-monumenti u binjiet storiċi fost affarijiet ohra. Il-Midi inkarigaw lil Foster and Partners biex jaghmlu id-disinn il-gdid. Dan il-process kien jinvolvi negozjati bejn il-Kunsill u l-izviluppatur biex jinstab bilanc tajjeb f'dan il-progett. Is-Sindku semma per ezempju li il-Forti Manoel li l-izviluppatur ried jikkonvertiha f'boutique hotel u mal-ewwel iddisapprova u stqarr li din il-proposta mhix accettabli u il-forti ghandha tibqa titgawda minn kulhadd.

Wara xhur twal ta diskussjonijiet il-kunsill u l-izviluppatur waslu fi ftehiem u ghalhekk, gie iffirmat il-Guardianship Agreement bejn il-Fondazzjoni Manoel Island u l-iżviluppatur. Is-Sindku kif ukol il-Vici Sindku huma membri fi-hdan il-fondazzjoni ghalhekk rapprezentanti f'dan il-ftehiom.

Is-Sindku kompla jispjega li għalkemm fl-aħħar talba għal-permess il-Kunsill kellu r-Raprezentanza fil-Board, is-Sindku rcieva protest ġudizzjarju minhabba il fatt illi huwa ic-chairman tal-fondazzjoni allura diga wera li ovvjamnet jaqbel mal-progett kif revedut u ghalhekk gie allegat illi il-kunsill minhabba dan il-fatt ghandu kunflitt ta' nteress. Mandanakollu is-Sindku saħaq li hu, flimkien mal-membri l-ohra tal-fundazzjoni ħadem sabiex il-pjan tal-proġett jinbidel f'wieħed għal aħjar, u dan juri biċ-ċar li kunflit ta' interess qatt ma seta jezisti anzi bil-maqlub dak kollu li sar b'mod specjali il-Guardianship Agrememt jiggarantixxi li-l-interessi tar-residenti ikun salvagwardjat b'l-ahjar mod possibli. Dan il-ftehim huwa l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu li sar f'Malta.

Kompla jispjeġa li l-ahhar Master Plan kif revedut li gie ipprezentat irrizulta wara li saru l-iskavi u instabu ċ-ċimiterji, li s-Sindku stess kien avzhom bihom meta l-iskavi kienu ghadhom ma bdewx.

Is-Sindku ikkonkluda billi stqar li ma jaqbilx mas-sentenza tal-qorti innifisha għaliex meta il-kunsill jintalab ikun rapprezentat fil-board tal-Awtorita tal-ippjanar dan jiġi mitlub jieħu deċizjoni irrilevanti mill fatt jekk ikunx wera a

priori jaqbilx jew le mal-progett u dan minhabba il-fatt li il-kunsill ghandu l-obbligu li jara li l-interess tar-residenti jigi salvagwardjat u irid bilfors jaghti l-opinjoni tieghu qabel l-applikazzjoni titla quddiem il-board u dan bilfors fi progetti ta portata bhal dak ta Manoel Island iktar u iktar peress li l-izviluppatur kien diga kellu permess f'idejh dak tal-1999.

20.15 Il-Kunsillier J.Cardona talab biex jiġi skuzat mil-laqgħa.

37.7.2 Unloading Bay li mhux qed jintuzaw – Is-Sindku flimkien mal-Vici Sindku R.Mangion semmew zewġ loading bays li mhux qedin jintuzaw. Is-Sindku qabbad lis-segretarja sabiex ticcekjhom, u f'kas possittiv gf'parking bojod ghal-uzu tar-residenti.

37.7.3 Parking waqt il-Funerali – Il-Kunsillier N.Chetcuti rega semmgħa il-kongestjoni li tinqala meta jkun hemm funeral. L-ahjar solouzzjoni li sab il-Kunsill hija li jsir No Parking temporanji li bi ftehim mal-Kappillan jinħargu minn gurnata qabel. Din is-soluzzjoni għandha tigi diskussa mal-Kapillan waqt il-laqgħa li ser tiġi mifthema.

37.7.4 Scaffolding Bla Permess – Il-Kunsillier N.Chetcuti rega semmgha l-fatt li ghad hemm hafna scaffoldings bla permess u din il-problema il-kunsill għadu ma sabx tarfa. Is-Sindku qal li sal-laqgha li jmiss din il-problema trid tiġi solvuta.

37.7.5 Pink October – Il-Kunsillier N.Chetcuti ħa l-inizjattiva sabiex igib quote ta kemm jista jiswa LED Robe ta' 30 metru sabiex jitwaħħal mal-faccata tal-Kunsill. Fil-kas ta Pink October jinxtghalu rosa u f'kas ta okkazjoniejit ohrajn jista jinbidel il-kulur. Il-Kunsill laqa' din t-talba.

37.7.6 Camera tal-Lesa fi Triq x-Xatt – Il-Kunsillier N.Chetcuti semmha bic-citazzjonijiet li qed jaghtu il-Lesa fi Triq x-Xatt. Is-Sindku semmha li hafna nies jieqfu hemm sakemm juzaw l-ATM tal bank. Il-Kunsill qabel li jkellem lil Lesa sabiex itawwal il-hin jew inkella titnehha għal kollox.

**37.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

37.8.1 Il-Kunsillieri H.Caruana irrimarka li hemm pagament doppju, fejn is-segretarja ikkonfermat li hemm zball. Is-Sindku ikkonferma li kemm il-darba zball bħal dan iseħħ, waqt li jsiru il-pagamenti hu dejjem jiccekjhom qabel japprovhom. Għaldqastant wara tant skrutinju, zball bħal dan ma jirrizultax għal-pagament doppju.

37.8.2 Il-Kunsillier I.Buhagiar staqsa jekk l-bumps tat-triq jiswewx kemm huma imnizlin fil-lista tal-pagamenti, fejn is-Sindku ikkonferma li dak huwa il-prezz li dejjem ħallas il-Kunsill.

37.8.3 Il-Kunsillier R.Mangion ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekonda.

**37.9 Mozzjonijiet**

37.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**37.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 9.05pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tnejn 1 ta' Novembru fil-5.30pm.

Konfermati, illum 1 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |